Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 16 / 2017

Il-Pulizja

Spettur Colin Sheldon

Vs

Nadia Petroni

Illum 26 ta' April, 2018,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanta Nadia Petroni detentrici tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 483572 M, akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxi, skond l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Numru XXIII ta' l-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-istess Att, waqt spezzjoni ta' sorpriza li sehhet f' l-10 ta' Dicembru 2015 gewwa Studio 9 Triq San Pawl Naxxar, jew hi jew impjegati taghha, jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom taghha, offriet li tipprovdi servizz lill-persuna ohra u / jew esponiet ghall-bejgh oggetti waqt li kienet sprovista minn cash register fiskali u / jew kotba tar-ricevuti fiskali kif mahruga jew approvati mill-Kummissarju tat-Taxxi, u dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3 u 10 tat-Tlettax –il Skeda li tinsab ma' l-Att ta'

l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-artikoli 51 u 77 (o) 81 u 82 ta' l-istess Att.

Rat l-artikoli 51, 77 (o) u 82 kif ukoll il-partiti 1, 2, 3, 10 u 13 tat-Tlettax –il Skeda tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-18 ta' Jannar, 2017, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 51, 77 (o) u 82 u l-partiti 1,2,3, 10 u 13 tat-Tlettax–il Skeda tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputata hatja ta' l-imputazzjoni migjuba kontra taghha u ikkundannata multa ta' tmien mitt Euro (€800).

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellanta Nadia Petroni, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-20 ta' Jannar, 2017, fejn talbet lil din l-Onorabbli Qorti joghgoba tirrevoka s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali per Magistrat Dr. D Clarke LL.D tat-18 ta' Jannar 2017 billi *tirrevokaha* in kwantu sabitu hati ta' l-akkuza kif migjuba kontrih u konsegwentement *tilliberah* minn kull piena u htija skond il-ligi, u f' kaz li din l-Onorabbli Qorti, joghgobha *tikkonferma* s-sentenza appellata, l-esponenti jitlob li tigi mposta piena aktar ekwa u gusta ghal kaz odjern.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanta esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

(1) Illi l-Ewwel Qorti ibazat id-decizjoni taghha fuq il-fatt li fuq ir-ricevuta ma kienx hemm *exemption number*;

Illi bir-rispett kollu, l-Ewwel Qorti naqqset milli taghmel apprezament li l-bejgh gie dikjarat, inharget ricevuta bl-isem tal-hanut u bin-numru tal-VAT, u t-taxxa thallset. Illi l-iskop tal-legislatur kien dejjem dak li kull bejgh jigi dikjarat u tingabar it-taxxa mill-erarju. Il-fatt li f' dan il-kaz ma kinietx qed tidher l-*exemption number* fuq ir-ricevuta li xorta fiha l-isem tal-kumpannija u n-numru tal-VAT huwa dettal.

(2) Illi l-Ewwel Qorti naqset ukoll li tara l-artikoli tal-ligi li kien akkuzat li kiser l-appellant.

L-art 2 tat-13-il Skeda tal-Kap 406 jghid hekk:

*....kull persuna li tagħmel provvista ħlief għal provvista eżenti bla kreditu għand ha, ħlief meta tenħtieġ li toħroġ fattura ta' taxxa għar-rigward ta' dik il-provvista, toħroġ riċevuta fiskali skont din l-Iskeda għall-kumpens lilha mħallas għal dik il-provvista.....*

L-art 1 tat-13-il Skeda tal-Kap 406 jaghti s-segwenti definizzjoni ta' ricevuta fiskali, ossia:

*"riċevuta fiskali" tfisser riċevuta jew fattura maħruġa f' għamla provduta jew approvata bil-miktub mill-Kummissarju jew li tkun maħruġa b' mod kif jista' jkun approvat mill-Kummissarju u li jkun fiha t-tagħrif u d-dettalji kollha meħtieġa, jew riċevuta maħruġa pemezz ta' cash register fiskali, jew riċevuta maħruġa permezz ta' fiscal taxi meter.*

Jigi rilevat li fil-kaz in kwistjoni l-appellant hareg ricevuta u din hija fiskali. L-appellant jissodisfa bi shih l-Art 50, 51, 77 (o), u 81.

Illi minbarra s-suespost, l-appellant jixtieq jissottometti li huwa kien ghamel dak kollu li setgha jaghmel fil-kapacita tieghu peress li huwa forna l-makkinarju li tat ricevuta fiskali fejn tidher l-isem tal-kumpannija u l-VAT number tal-kumpannija, kif ukoll forna sistema li thallas it-taxxa, u ma kien hemm ebda mod li waqt bejgh minn magna partikolari huwa jinduna li ma hargitx riceuta li fuqha kien hemm exemption number, u dan ai termini ta' l-Art 82, ossia li jistipula li :

*kull direttur, manager jew uffiċjal prinċipali ieħor ta' dak il-korp ta' persuni: iżda direttur, manager jew uffiċjal prinċipali ieħor ta' korp ta' persuni ma jkunx ħati ta' reat bis-saħħa ta' dan is-subartikolu jekk huwa jġib prova li huwa ma kienx jaf u ma setax b' diliġenza raġonevoli jsir jaf b' dak l-egħmil jew nuqqas u li huwa għamel kull ma seta' jagħmel sabiex iżomm milli jsir dak l-egħmil jew nuqqas.*

Wiehed isaqsi jekk direttur ghandhux l-obbligu li joqghod ma' kull magna, cash register, fiscal printer u ohrajn waqt kull bejgh li jsir biex jara li ma jonqos xejn mid-dettalji – mhux qed jinghad li m'ghandhux responsabilta' biex jara li tinhareg ricevukta fiskali u li tingabar it-taxxa, izda qed jinghad li huwa impossibli li wiehed jara fid-dettal kull transazzjoni.

(3) Illi finalment jigi sottomess li fis-sentenza l-Qorti sabet tlett diretturi hatja ta' l-istess offiza u dan huwa legalment zbaljat peress li ma hemm ebda reat ta' komplicita f'dan il-kaz, u jekk stess il-Qorti ssib

htija f' direttur ghanda tillibera lid-deretturi l-ohra stante li r-reat jigi adebit lil persuna wahda.

(4) Illi s-sentenza moghtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti kienet wahda eccessiva u sproporzjonata. Konsapevoli mill-insenjament ta' **Cesare Beccaria**:[1]

*"…che il fine delle pene non e di tormentare ed affiggere un essere sensibili, ne di disfare un delitto gia commesso…,"*

l-appellant jixtieq li bl-akbar umilta jissottometti li l-piena inflitta kienet eccessiva.

Ikkunsidrat,

Illi l-lanjanzi imqanqala mill-appellanti huma kollha ta' natura legali u dan billi il-fatti tal-kaz huma inkontestati. Is-socjeta kummercjali li taghha l-appellanti hija wahda mid-diretturi, kienet tohrog ir-ricevuti fiskali taghha dwar kull provvista taxxabbli minn sistema komputerizzata fejn allura tali sistema kienet tenhtieg l-approvazzjoni mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud. Tali approvazzjoni hija imfissra permezz ta' numru ta' ezenzjoni li jigi moghti mill-Kummissarju u li irid jigi riprodott fuq kull ricevuta fiskali li trid tinhareg u dan apparti l-isem tal-hanut u in-numru tal-VAT. Fil-jum indikat fl-akkuza, madanakollu inharrget ricevuta fejn dan in-numru, li huwa 1745 assenjat lis-socjeta kummercjali V Petroni Limited, kien nieqes. L-appellanti tikkontendi illi din inharrget minn *printer* zbaljat li ma kienx imqabbad mas-sistema komputerizzata minn fejn jinharrgu ir-ricevuti ghal kull bejgh. Tishaq illi madanakollu dan il-bejgh xortawahda gie irregistrat, iddikjarat u l-erarju fiskali thallas.

[1] 'Dei Delitti e Delle Pene' Livorno, 1833, pp.59-60.

Issa l-appellanti targumenta illi bil-fatt illi fuq ir-ricevuta ma kienx hemm l-*exemption number* kif inghad ma ifissirx illi dik ir-ricevuta ma kenitx tikkwalifika bhala ricevuta fiskali. Dan ghaliex ukoll l-iskop tal-legislatur xorta intlahaq bir-ricevuta li inharrget gjaldarba il-bejgh gie iddikjarat u it-taxxa ingabbret u thallset. Fuq kollox ir-ricevuta tindika isem il-kummercjant li f'dan il-kaz kien socjeta kummercjali u n-numru fiskali assenjat lill-istess.

Illi huwa fatt mhux kontestat illi saret provvista taxxabbli fejn inharrget ricevuta minn sistema komputerizzata li fil-fehma tal-Kummissarju ma kenitx *VAT compliant* billi l-*exemption number* li ghandu jidher fl-imsemmija ricevuta ma kienx qed jigi indikat. Dan ghaliex it-Tlettax-il Skeda tal-Att jaghti definizzjoni ta' dak li ghandha tfisser "ricevuta fiskali" meta hemm dispost:

*"riċevuta fiskali" tfisser riċevuta jew fattura maħruġa f'għamla provduta jew approvata bil-miktub mill-Kummissarju jew li tkun maħruġa b'mod kif jista' jkun approvat mill-Kummissarju u li jkun fiha t-tagħrif u d-dettalji kollha meħtieġa, jew riċevuta maħruġa pemezz ta' cash register fiskali, jew riċevuta maħruġa permezz ta'fiscal taxi meter."*

Illi allura kull provvista taxxabbli ghandha issir bil-hrug ta' ricevuta fiskali li meta tali ricevuta ma tinharigx minn *cash register* fiskali jew *fiscal taxi meter*, allura ghandha tkun approvata mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud. Issa meta *si tratta* ta' ricevuta fiskali li tinhareg minn sistema komputerizza fejn allura l-persuna taxxabbli tigi ezentata milli tohrog ricevuta minn *cash register* kif inghad, dan jigi moghti *exemption number*, liema numru ghandu jigi rifless fir-ricevuta fiskali u dan bil-ghan illi l-konsumatur li jinghata ricevuta li ma tkunx giet mahruga minn *cash register* fiskali ikun mgharraf li din tekwivali ghal ricevuta fiskali xortawahda billi l-bejjiegh qed jigi awtorizzat jaghmel dan mill-Kummissarju. Allura fin-nuqqas illi dak in-numru jigi indikat ir-ricevuta li tinhareg ma tkunx *VAT compliant* u ma tikkwalifikax bhala ricevuta fiskali skont il-ligi biex b'hekk dik ir-ricevuta tikkwalifika semplicement bhala *sales receipt* u xejn aktar.

Issa ma jiswa ghal xejn lill-appellanti tikkontendi illi l-bejgh gie iddikjarat sussegwentement u it-taxxa thallset ghaliex fil-mument illi r-ricevuta li tinhareg ma tkunx konformi mal-ligi allura r-reat jigi ikkunsmat bl-appellanti f'dak il-mument "*ikun qed jipperikola t-taxxa dovuta indipendentment minn jekk in sewgitu huwa iddikjarax tali taxxa fir-return ghax-xahar jew xhur relattivi*," kienet x'kienet l-intenzjoni taghha[2]. Kwindi dan l-ewwel aggravvju qed jigi rigettat.

L-appellanti ukoll tilmenta illi bhala direttur tas-socjeta minnha gestita hija kienet ghamlet dak kollu fis-setgha taghha biex tara li jkun hemm l-osservanza tal-ligi. Dan ghaliex ma kienx nuqqas taghha illi l-impjegata ipprintjat ir-ricevuta minn *printer* li ma kienx illinkjat mas-sistema billi r-ricevuti fiskali kellhom jigi ipprintjati minn *printer* appozitu u mhux minn dak mnejn fil-fatt inharrget.

Issa l-appellanti fl-ewwel lok, kif kellha kull dritt illi taghmel skont il-ligi, ma offrietx ix-xhieda taghha sabiex tispjega x'inhuma il-manzjonijiet taghha fi hdan is-socjeta u jekk hija tippartecipax fil-gestjoni ta'l-istess. Jixhed biss Victor Petroni, wiehed mid-diretturi, li fuq kollox huwa meqjuz bhala ko-akkuzat maghha f'dawn il-proceduri penali ghalkemm mehuda separatament kontra kull direttur. Illi anke jekk *gratia argomenti* il-Qorti kellha tiehu kont tax-xhieda ta' Victor Petroni f'dawn il-proceduri, xortawahda ix-xhud ma iressaq l-ebda prova biex juri lil din il-Qorti is-sistema komputerizzata tal-hanut kif tahdem, u kif jahdmu l-*printers* marbuta ma' tali sistema. X'aktarx li din is-sistema giet installata u hija imhaddma minn persuni teknici li hadu hsieb jarmawha u mhux mid-diretturi tal-kumpanija. L-ebda prova ma ingiebet f'dan is-sens u l-ebda xhud ma gie imressaq biex jispjega kif ezattament tithaddem din is-sistema, bix-xhieda ta' Petroni ma tistax tittiehed in konsiderazzjoni la favur u lanqas kontra l-appellanti, meqjusa, kif inghad bhala ko-akkuzata flimkien mad-diretturi l-ohra. Lanqas ma jirrizulta fuq kollox, jekk l-appellanti jew xi hadd mid-diretturi l-ohra jkunux fil-hanut "*during business hours*", u jekk fin-negattiv min jithalla responsabbli hemmhekk u x'istruzzjonijiet jigu

[2] Il-Pulizija vs Lino Cachia App.Inf. 26/02/2001

moghtija lill-impjegati. Illi fid-dawl ta' dawn il-provi kemmxejn skarni li tipprezenta l-appellanti din il-Qorti tqies illi hija ma tilhaqx il-grad ta' prova minnha mistennija fil-kamp penali sabiex tezimi ruhha mir-responsabbilta vikarja taghha.

Illi l-appellanti issib oggezzjoni ghal fatt illi l-Kummissarju ghogbu iressaq il-prosekuzzjoni ghar-reat tan-nuqqas ta' hrug ta' ricevuta fiskali kontra it-tlett diretturi tas-socjeta meta r-reat huwa wiehed u uniku. Illi lanqas hawn l-appellanti ma ghandha ragun u dan ghaliex ir-reat ma giex addebitat lis-socjeta V Petroni Limited, izda lid-diretturi individwalment u personalment fit-termini ta l-artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Ligijiet ta' Malta kuntrarjament ghal kuncett tal-*corporate liability* fejn allura il-htija taqa' fuq is-socjeta kummercjali, liema kuncett ma isibx applikazzjoni f'dan il-kaz. L-artikolu 13 jiddisponi:

**"Meta xi reat taħt jew kontra xi disposizzjoni li tinsab f'xi Att, li jkun għadda sew qabel jew wara dan l-Att, isir minn korp jew għaqda ta' persuni, sew jekk tkun persuna ġuridika jew le, <u>kull persuna</u> li, fil-ħin tal-egħmil tar-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew uffiċjal ieħor simili tal-korp jew għaqda, jew kienet tidher li qed taġixxi f'dik il-kariga, <u>tkun ħatja ta' dak ir-reat</u> kemm il-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar mingħajr it-tagħrif tagħha u li tkun eżerċitat id-diliġenza kollha xierqa biex tevita l-egħmil tar-reat."**

Dan ifisser allura illi ir-responsabbilta' vikarja hija wahda personali u mhux wahda rapprezentattiva jew nomine kif inhi fil-kamp civili. Jekk jirrizulta mill-provi, li fil-fatt l-imputata, issa appellanti, kienet wahda mid-diretturi, jew ufficjali tal-korp bhal ma hija socjeta' kummercjali li tiggestixxi l-post fejn ikun sar ir-reat u li hija allura qed tigi akkuzata ghal din ir-raguni, allura ghandha twiegeb hi personalment ghan-nuqqas. Fuq kollox lanqas ma jispetta lil din il-Qorti taghmel ghazla hi lil min ghandha issib hati u min ghandu jigi ezonerat mir-responsabbilta kriminali meta hemm tlett diretturi li ghandhom iwiegbu personalment kif inghad!

Kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta (Onor. Prim' Imhallef Emeritus Dr. V. De Gaetano) fl-Appell Kriminali "Il-Pulizija vs. Joseph Bonnici [26.5.1995]:-

"*Meta persuna tigi biex twiegeb ghar-reat kommess minn ghaqda jew korp ta' persuni in forza ta' l-artikolu 322 tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija jew in forza ta' l-artikolu 13 ta' l-Att dwar l-Interpretazzjoni [Kap.249], it-tahrika ghandha tohrog kontra d-direttur, manager, ecc. f' ismu personalment, fis-sens li hu personalment irid iwiegeb ghall-akkuza, u f' kaz ta' sejbien ta' htija u imposizzjoni ta' piena, tali piena, sia jekk pekunjarja sia jekk restrittiva tal-liberta' personali, tigi inflitta fuqu u tigi skontata minnu.*[3]"

Dan ghaliex:

*"L-artikolu fuq citat li jipprovdi ghal xi ksur tal-ligi minn korp ta' persuni, bhal ma hi indubbjament socjeta' kummercjali, d-dispozizzjonijiet ta' dik it-Taqsima partikolari tal-ligi japplikaw "bhallikieku dik il-haga tkun saret jew naqset milli ssir minn kull direttur, manager, jew ufficjal principali iehor ta' dak il-korp ta' persuni." Ta' min jinnota li l-ligi ma tghidx "id-Diretturi kollha" imma "kull Direttur", jigifieri kull wiehed "uti singoli" jirrispondi ghall-ksur tal-ligi indipendentement minn diretturi u /jew managers u ufficjali ohrajn. Din id-dicitura ovvjament tfisser li l-proceduri w l-prosekuzzjoni jistghu jigu istitwiti kontra kull direttur individwali, anki jekk ma jittiehdux kontra diretturi w ufficjali ohrajn.*[4]"

Illi hija allura fid-diskrezzjoni tal-Prosekutur li taghzel kontra min ghandhom jigu istitwiti il-proceduri penali billi kif inghad fil-kaz tar-responsabbilta vikarja kull direttur iwiegeb b'mod personali ghal xi nuqqas li jsir mis-socjeta minnu rapprezentata indipendentement mid-diretturi l-ohra. Gjaldarba l-Prosekuzzjoni ghazlet li tipprocedi kriminalment kontra it-tlett diretturi allura it-tlieta li huma iridu iwiegbu ghall-akkuza dedotta kontra taghhom individwalment, kif inghad, liema akkuza ma taqax kontra t-tnejn l-ohra fl-eventwalita li wiehed minnhom jinsab hati.

[3] App. Inf. Il-Pulizija vs Patrick Vella – deciza 31/08/2006
[4] App.Inf. Il-Pulizija vs Victor Sant deciza 12/12/2002

Imbaghad:

*“Biex direttur (jew persuna ohra msemmija fl-Artikolu 13 ta' Kap. 249) ma jkunx vikarjament responsabbli ghar-reat kommess mill-kumpanija jew socjeta` irid jipprova, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, mhux biss li hu ma kienx jaf li kien sar ir-reat izda wkoll (mhux jew) li hu kien ezercita id-diligenza kollha xierqa biex jigi evitat dak ir-reat. Tali diligenza ma tistax tikkonsisti filli persuna semplicement thalli f'idejn haddiehor biex iwettaq pjan, ordni jew xi management partikolari, ghax altrimenti jkun facli ghal dak li jkun li jahsel idejh mir-reponsabbilta` penali (f'dan il-kaz vikarja) billi jghid, per ezempju, li ta ordni lis-subaltern tieghu u li kien dan is-subaltern tieghu li ma wettaqx l-ordni. Il-ligi tirrikjedi li dak li jkun ikun ezercita d-dilgenza kollha xierqa, u dan normalment ifisser li dak li jkun irid ikun ha attivament passi biex jassigura l-osservanza tal-ligi.[5]”*

Stabbiliti dawn il-principji ta’ dritt in konnessjoni mar-responsabbilta vikarja tal-appellanti ghall-akkuza dedotta fil-konfront taghha, allura lanqas dan l-aggravvju ma jisthoqqlu akkoljiment.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u id-decizjoni appellata ikkonfermata.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur

---

[5] App.Inf. Il-Pulizija vs Gaetano Abdilla dec 28/07/2003